TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 263/12

**Helen u Francesca Vella**
**vs**
**Fantasy Tours**

Illum 25 ta' Novembru, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Ottubru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti prezz ta' vaganza li ġiet ikkanċellata.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi kienu bbukjaw vaganza mad-ditta ntimata u ftit jiem qabel, din il-vaganza kienet ġiet ikkanċellata. Ir-rikorrenti kienu ħallsu sitt mija u ħamsin ewro (€650) f'Diċembru 2011, pero' kienu tħallsu l-flus lura f'Lulju 2012 u liema flus ġew aċċettati.

L-intimat issottometta illi r-rikorrenti kienu tħallsu l-ispejjeż kollha lura u għalhekk m'għandhom jagħtu xejn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi għalkemm il-pendenza ġiet solvuta, peress li r-rikorrenti aċċettaw il-flus, xorta hemm il-kwistjoni ta' l-imgħaxx ta' dawn ir-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, b'dan illi jillimita d-danni għal erbgħin ewro (€40), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888